# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. ROBERT G. MANGION

## SEDUTA TAT-8 TA' FRAR, 2023

**Kawża fuq il-lista nru. 7**

**Rik. Ġur. 175/2022 RGM**

**Ciro Cannavale**

**Vs**

**Aniello Ingino**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur tal-1 ta' Marzu, 2022.

Rat ir-risposta ġuramentata u l-kontro-talba tal-konvenut ippreżentati fl-24 ta' Mejju, 2022.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-attur rikonvenzjonat għat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

Rat in-nota tal-konvenut tas-27 ta' Jannar, 2023 li permezz tagħha ċeda l-kontro-talba minnu intavolata.

Rat id-digriet tagħha tal-1 ta' Frar, 2023 li permezz tiegħu, in vista tal-imsemmija nota ta' ċessjoni, astjeniet milli tkompli tieħu konjizzjoni tal-kontro-talba.

Rat in-nota ta' ammissjoni ppreżentata mill-konvenut fis-27 ta' Jannar, 2023.

Rat li b'digriet tal-1 ta' Frar 2023 ħalliet il-kawża għallum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża inkluż l-affidavit tal-attur ippreżentat fil-5 ta' Ottubru, 2022 kif ukoll numru ta' fatturi li l-attur ippreżenta mar-rikors ġuramenta. L-attur spjega fl-affidavit tiegħu illi l-ammont minnu reklamat jirrapreżenta prezz ta' merċi mibjugħa u kkonsenjati lill-konvenut konsistenti fi prodotti tal-ikel u merċi affini kif spjegat fid-dettal fil-fatturi.

Eżaminati l-provi mressqa mill-attur, anke fid-dawl tal-ammissjoni tal-konvenut, it-talbiet attriċi ser jiġu akkolti.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi fuq ammissjoni tal-konvenut,

1. **Tilqa’** t-talbiet attriċi,

2. **Tikkundanna** lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta’ erbgħa u għoxrin elf, erba’ mija u tlieta u sebgħin ewro u tlettax-il ċenteżmu (€24,473.13) rappreżentanti prezz ta’ prodotti ta’ ikel u merċi affini mibjugħa u kkonsenjati mill-attur lill-konvenut.

3. **Bl-imgħax legali** kif mitlub u bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

**Robert G. Mangion**

**Imħallef**

8 ta’ Frar, 2023

**Deputat Registratur**